# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa Nru. 70

L-Erbgħa 29 ta' Awwissu, 2018

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:30 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021, Għawdex, Malta.
Tel: (+356) 21558686 • Fax: (+356) 21558655 • email: ghasri.lc@gov.mt • www.ghasri.com

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**70.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji.

## 70.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 7-69.

**70.2.01** Il-minuti tal-laqgħa numru 69 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 70.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**70.3.01** *Rotta tax-Xarabank.* Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra mibgħuta lill-Ministru għal Għawdex dwar ir-rotta tax-xarabank tal-Għasri. Ġiet proposta li x-xarabank Numru 308 li bhalissa tagħmel ir-rotta Rabat, Ta' Pinu, Ghasri u Rabat tibda tagħmel ir-rotta Rabat, Ghasri, Ta' Pinu, Gharb, San Lawrenz, Ta' Pinu, Ghasri u Rabat fi vjaġġ wieħed li jieħu madwar erbgħin minuta. Filwaqt li l-Kunsilliera qablu li jkun hemm dan is-servizz, ma qablux li għandu jinqata s-servizz bejn ir-Rabat u l-Ghasri dirett. Il-Kunsill għandu jinforma lil Ministru dwar dan.

**70.3.02** *Bozza ġdida fi Triq Ġdida fi Triq Wied Sara.* Il-Kunsill irċieva talba sabiex titwaħħal bozza ġdida fi Triq ġdida fi Triq Wied Sara. Il-Kunsilliera qalu li fil-passat kienet twaħlet bozza fejn qed tiġi mitluba li titwaħħal din il-bozza. Din kellha tinqala peress li kien hemm dizgwid bejn is-sidien. Il-Kunsilliera qablu li peress li hemm diżgwid bejn is-sidien il-Kunsill m'għandux jaċċetta din it-talba.

**70.3.03** *Attivitajiet Milied 2018.* Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Ministeru għal Għawdex dwar attivitajiet tal-Milied. Il-Kunsill iddeċieda li l-attivitajiet jsiru il-ġimgħa ta' qabel il-Milied jiġifieri bejn is-17 u 21 ta' Diċembru 2018. Dawn jinkonsistu minn plays u żfin u party għat-tfal fil-MUSEUM. Bħala parti minn l-attivitajiet tal-Milied ġie ssuġġerut li jkun hemm wirja ta' presepji jew xeni tal-Milied fiċ-ċentru tal-paroċċa. Għandhom jiġu nformati r-residenti u t-tfal tal-Iskola Laura Vicuna.

**70.3.04** *Ċirkulari Numru 5/2018 –* Konsultazzjoni tal-ERA mal-Imsieħba Soċjali fuq Studji dwar l-Impatt fuq l-Istorbju Ambjentali –Istruzzjonijiet għall-Proposti tal-Iżvilupp u l-Permessi Industrijali.

**70.3.05** *Ċirkulari Numru 6/2018.* Regolament 11 tar-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsill Lokali (L.S. 441.04)

**70.3.06** *Ċirkulari Numru SPI 7/2018/I –* Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoi tad-Data (il-GDPR) vis-a-vis id-dettalji ta' ċittadini fil-minuti tal-laqgħat. L-identifikazzjoni u d-dettalji personali tar-residenti li jagħmlu xi lment mal-Kunsill

Lokali, u ta' persuni oħra, m'għandhomx jiġu msemmija pubblikament jew jiġu ppubblikati.

**70.3.07** *Ċirkulari Numru SPI 10/2018* Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi 2018.

**70.3.08** *Cir AKL 2018/093* – Food Safety requirements for stalls servicing food during crowd pulling events.

**70.3.09** *Cir AKL 2018/092* – Tabelli "No Parking Tow Away Zone" maħruġa mill-Kunsilli Lokali.

**70.3.10** *Ittra reġistrata mingħand Farrugia Law Advocates f'isem Green MT*. Il-Kunsill ġie nformat li mill-1 ta' Settembru 2018 is-servizzi offruti mill-Iskema Green MT lill-Kunsill ser jiġu mnaqqsa għal: (1) ġbir ta' borża l-griża bieb bieb kull l-ewwel nhar ta' Tlieta tax-xahar; (2) ġbir tal-ħġieġ –dan is-servizz ser jibda jingħata bi ħlas (€72.) (3) provista ta' boroz griżi bi ħlas ta' €0.06c kull borża. Il-Kunsill qed jistenna direzzjoni mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**70.3.11** Invit biex il-Kunsill jieħu sehem fil-kampajna Pink October billi jixgħel "landmark" fil-lokalita tiegħu. Il-Kunsilliera ssuġġerew li tinxtgħel is-siġra tal-pjazza flimkien mal-gallerija tal-binja tal-Kunsill. Is-segretarja għandha ġġib stima biex tinxtgħel is-sigra.

**70.3.12** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Wasteserv dwar il-European Week for Waste Reduction li ser tinżamm bejn 1s-17 u l-25 ta' Novembru bit-tema "Hazardous Waste time to Detox". Il-Kunsilliera qablu li terġa tiġi organizzata ġbir ta' ħwejjeġ għar-riċiklaġġ is-Sibt 17 ta' Novembru.

## 70.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

**70.4.01** Inġibed l-attenzjoni li l-boroz griżi (tar-riċiklaġġ) ma nġabrux minn Triq il-Fanal.

**70.4.02** Din is-sena t-trasport tal-Iskejjel privati ser jiġi provdut mill-Gvern Centrali. Għalhekk il-Kunsill mhux ser jissussidja t-trasport.

**70.7.03** Il-Kunsill ser jerġa jorganizza kors tal-ħjata wara li kellu talba minn diversi persuni. F'dan il-kors isiru xogħol tal-ħjata għal uffiċċju u attivitajiet tal-Kunsill ukoll.

## 70.5 Rapporti:

**70.5.01** Approvazzjoni tar-Rapport ta' kull kwart April-Gunju. Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh. Ma kienx hemm domandi dwaru. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dan ir-rapport.

**70.5.02** Ir-rapport dwar id-devoluzzjoni ta' art fi Triq il-Gonna għadu mhux lest għax l-informazzjoni neċessarju għar-rapport għadu mhux f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv.

## 70.6. Offerta għar-restawr tan-Niċċa.

**70.6.01** It-tieni sejħa għall-offerti għar-restawr tan-Niċċa fil-Wesgħa Dun Ġużepp Buttigieg ghalqet nhar L-Erbgħa 22 ta' Awwissu. Kien hemm offerta waħda mitfugħa. Din għad trid tiġi evalwata. Il-bord ta' evalwazzjoni ġie magħżul mill-Kunsilliera.

## 70.7 Aġġornament tax-xogħol fit-Toroq – Measure 4.3 u Toroq fil-Lokalita' Tiegħek.

**70.7.01** *Measure 4.3* - Ix-xogħol fi Triq Wied il-Għasri miexi. Il-Kunsill għadu qed jistenna l-permess mingħand l-Awtorita tal-Ippjanar għat twessiegħ tat-triq il-Gonna. Dan għandu jinstema fl-4 ta' Settembru.

*Toroq fil-Lokalita' Tiegħek*. Ix-xogħol fi Triq it-Tamar għandu jibda dritt wara li jitlestaw Triq Wied il-Għasri u Triq il-Gonna, peress li dan huwa l-istess kuntrattur. Triq San Pupulju, Triq Dun Guzepp Cassar u Trejqet id-Dehra għandhom jibdew f'Ottubru kif kien ġie diskuss u approvat fl-laqgħa tal-Kunsill preċedenti.

## 70.8 Attivitajiet

**70.8.01** *Traditions: Wine, Olive Oil & Honey*. Il-Kunsillier Joe Farrugia talab sabiex it-tifel tiegħu jieħu sehem fl-attivita Traditions: permess tal-kiosk tiegħu. Ġie spejgat li din l-attivita mhux miftuħa għall-kiosks iżda hija attivita tradizzjonali bl-ikel provdut mill-Kumitat tal-Festa (biex tkun attivita għal fund raising). Barra l-Kumitat tal-Festa jieħu sehem ukoll Kumpanija oħra li tagħmel l-ikel bl-għasel u żejt taż-żebbuġ u jagħmel ukoll l-inbid (kif imsemmja l-attivita "Wine, Olive Oil & Honey).

**70.8.02** *Gbir ta' Fondi għal Malta Community Chest Fund*. Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li attendiet laqgħa mal-E.T. il-President ta' Malta dwar ġbir ta' fondi/attivitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund. Il-Kunsilliera qablu li l-ġbir għandu jsir bieb bieb mill-voluntiera kif sar fil-passat. Ġie diskuss ukoll li fil-preżentazzjoni tal-fondi lill-Presidenti għandha tinxtghel is-siġra tal-Milied u żjara tal-wirja tal-presepji li ser jiġi organizzat mill-Kunsill fiċ-ċentru.

**70.8.03** *Jum L-Ghasri u Premju Gieħ l-Għasri.* Il-quddiesa ta' radd il-ħajr fl-okazzjoni ta' Jum l-Għasri ser issir nhar is-Sibt 29 ta' Settembru fis-6.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill għandu joħroġ l-applikazzjonijiet għal Premju Gieħ l-Għasri u dan jingħata wara l-quddiesa. Wara jkun hemm riċeviment fiċ-Centru tal-parroċċa.

## 70.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti.

**70.9.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-070 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentatha ġiet aċċettatha mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 70.10 Mozzjonijiet.

**70.10.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 70.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**70.11.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 p.m. u ġiet aġġornatha għal nhar il-Gimgħa 28 ta' Settembru fis-7:00 p.m.

Konfermati, illum l-Erbgħa 29 ta' Awwissu 2018

| | |
|---|---|
| **FFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard<br>Sindku | Rita Mifsud Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |